# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

***MAĠISTRAT DR. NOEL BARTOLO***
**B.A., M.A.(*Fin. Serv.*), LL.D.**

**Seduta tal-lum 27 ta' Gunju 2022**

**Pauline Simpson (405951M) u**
**Paul Simpson (910849M)**

**Vs**

**Favellato Malta Ltd (C 88267)**

**Kawza Numru: 53**
**Rikors Numru : 140/2021 NB**

**Il-Bord,**

## I. PRELIMINARI

**Ra r-rikors ta' Pauline Simpson ID 405951(M) et datat 3 ta' Gunju 2021 fejn gie premess illi:**

1. Premess illi b'skrittura privata datata nhar 25 t'Ottubru 2018, ir-rikorrenti lill-intimati l-fond minghajr numru 'Simpson Ville' f'Transfiguration Avenue, Hal Lija ghall-perjodu ta' hames snin (sa l-ahhar ta' Dicembru 2023) u b'kera ta' €3,250 fix-xahar pagabbli kull xahar bil-quddiem. Kopja ta' liema hija hawn annessa bhala **Dokument A.**

2. U billi s-socjeta' intimata waqfet thallas il-kera minn Awissu 2020, u ghalhekk is-socjeta' intimata baqghet inadepjenti fil-hlas ta' diversi skadenzi ta' kera;

3. U billi minkejja diversi interpellanzi anke verbali sabiex tissalda l-arretrati taghha is-socjeta' intimata baqghet ma hallsitx il-kera;

4. U billi nhar is-**26 ta' Mejju 2021** is-socjeta' intimata raddett lura c-cwievet lir-rikorrenti u ghalhekk illum il-fond huwa fil-pussess tar-rikorrenti u l-kirja giet terminata, izda l-arretrati ghadhom ma thallsux;

5. U billi l-arretrati dovuti ghall-kera ghalhekk huma l-ammont **Sitta u Ghoxrin Elf Ewro (€26,000)** u cioe' **sal-ahhar ta' Mejju 2021**, jew kull ammont iehor verjuri;

6. U billi in oltre l-intimati naqsu milli jzommu l-istat fi stat ta' manutenzjoni tajba u anke ghamlu diversi hsarat lill-fond u l-oggetti b'liema kien mghammar.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet esposti, ir-rikorrenti umilment jitlobu lil dan l-Onorabbli Bord sabiex prevja dikjarazzjonijiet necessarji joghgbu:

1. Jiddikjara u jiddeciedi illi s-socjeta' intimata hija debitrici tar-rikorrenti fis-somma ta' sitta u ghoxrin elf ewro (€26,000) jew kull ammont iehor verjuri rapprezentati l-kirja dovuta ghall-perjodu f'liema l-fond kien fil-pussess tal-intimata;

2. Tikkundanna s-socjeta' intimata thallas l-ammont ta' €26,000 in via t'arretrati bl-imghax skond il-ligi mid-data ta' kull skadenza sa kull data ta' kull pagament effettiv;

3. Jiddikjara u jiddeciedi illi s-socjeta' intimata hija responsabbli ghall-hsarat li saru fil-fond u ghan-nuqqas ta' manutenzjoni tal-istess;

4. Jillikwida l-ammont dovut mis-socjeta' intimata bhala dannu okkorrendo bl-assistenza ta' Periti nominandi;

5. Jikkundanna s-socjeta' intimata thallas hekk l-ammont likwidat, in via ta' danni bl-imghax skond il-ligi sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-Ispejjez kontra l-intimata li hija minn issa ingunat ghas-subizzjoni
**Ra li din il-kawża ġiet appuntata għas-smigħ għas-seduta tal-5 ta' Ottubru 2021.**

**Ra li s-socjeta intimata ghalkemm notifikata ma pprezentatx risposta.**

**Ra l-verbal tas-seduta tal-20 ta' Gunju 2022 fejn intqal hekk:**

*Meta ssejhet il-kawza deher Dr. Manuel Galea ghar-rikorrenti prezenti Pauline Simpson.*

*Deher ukoll Dr. Roberto Montalto ghas-socjeta' intimata.*

*Id-difensuri prezenti qablu li in vista tal-fatt li s-socjeta' intimata qeghda tammetti li l-ahhar sitt xhur kera ammontanti ghall-19,500 EUR m'humiex imhallsa u huma ghalhekk dovuti, ir-rikorrenti mhux qed jinsistu ghat-talbiet dwar id-danni izda qed jitolbu biss kundanna ghall-hlas tas-somma ta' €19,500. Dr. Roberto Montalto jiddikjara li l-istess ammont ta' 19,500 EUR huwa fil-fatt dovut.*

*U d-difensuri prezenti talbu lill-Bord biex tinghata sentenza fit-termini tal-ftehim raggunt f'din is-seduta.*

*Il-Bord jilqa' t-talba.*

*Kawza differita ghas-sentenza ghas-27 ta' Gunju 2022 fid-9:00a*

**Ra u qies l-atti processwali kollha.**

**Ra li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.**

## II. <u>KUNSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi mill-verbal tal-20 ta' Gunju 2022 joħroġ ċar li l-partijiet waslu fi transazzjoni dwar il-pendenzi mertu tal-kawża odjerna liema verbal jammonta ghall-ftehim quddiem il-Bord u li huma talbu lil dan il-Bord sabiex tali ftehim jigi rifless f'sentenza.

Illi l-partijiet ftehemu li in vista tal-fatt li s-socjeta' intimata qeghda tammetti li l-ahhar sitt xhur kera ammontanti ghall-19,500 EUR m'humiex imhallsa u huma ghalhekk dovuti mill-istess socjeta intimata, ir-rikorrenti mhux qed jinsistu ghat-talbiet dwar id-danni u qed jitolbu biss kundanna ghall-hlas tas-somma ta' €19,500.

Illi dan il-Bord jara li l-parametri ta' dan il-ftehim huwa perfettament konsonu mat-talbiet attrici u li sar bil-volonta' taz-zewg partijiet u ma jara xejn ċensurabbli fl-istess u kwindi sejjer jaddotta l-istess ftehim f'din is-sentenza.

## III. <u>*DECIDE.*</u>

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, il-Bord qiegħed jiddisponi minn din il-kawża, billi abbażi tal-ftehim milħuq bejn il-partijiet kif verbalizzat fl-udjenza tal-20 ta' Gunju 2022, dan il-Bord:

1. Jilqa l-ewwel talba *in parte* u dana limitatament ghas-somma ta' dsatax il-elf u hames mitt Ewro (€19,500).
2. Jilqa t-tieni talba *in parte* u jikkundanna lis-socjeta intimata thallas lir-rikorrenti s-somma ta' dsatax il-elf u hames mitt Ewro (€19,500).
3. Jichad it-talbiet enumertai 3, 4 u 5 stante rinunzja da parte tal-atturi.

   Bl-imghax minn din is-sentenza sal-pagament effettiv u bl-spejjez a karigu tas-socjeta intimata.

**Moqrija.**

**Dr. Noel Bartolo**
**MAĠISTRAT**

**Caroline Perrett**
**Deputat Reġistratur**

**27 ta' Gunju 2022**